**Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA minn Borgarting lagmannsrett li ġiet id-data tal-21 ta' Mejju 2012 fil-kawża Staten v/Arbeidsdepartementet v Stig Arne Johnsson**

**(Il-Kawża E-3/12)**

(2012/C 324/10)

B'ittra tal-21 ta' Mejju 2012 saret talba lill-Qorti tal-EFTA minn Borgarting lagmansrett (il-Qorti tal-Appell ta' Borgarting), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fid-29 ta' Mejju 2012, għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża Staten v/Arbeidsdepartementet v Stig Arne Johnsson dwar il-mistoqsija li ġejja:

Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tirrekjedi, fost affarijiet oħra, soġġorn attwali fl-Istat sabiex persuna jkollha d-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad, tkun din kumpatibbli mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, Artikolu 71(1)(b) meta tirrekjedi soġġorn kontinwat fl-Istat kompetenti (l-Istat tal-aħħar impjieg) sabiex jingħataw tali benefiċċji minn dan l-Istat, anki fil-każ ta' persuna għal kollox qiegħda li, matul l-aħħar impjieg tagħha, tkun issoġġornat hemmhekk bħala ħaddiem tal-fruntiera "mhux ġenwin"?

Għat-tweġiba għal din il-mistoqsija, ikun ta' relevanza jekk:

(1) il-persuna qiegħda tkunx qed tgħix f'pajjiż qrib l-Istat kompetenti (l-Istat fejn kellha l-aħħar impjieg) b'mod li jkun possibbli fil-prattika li dik il-persuna tippreżenta ruħha fl-uffiċċju tal-impjiegi f'dak l-Istat anki jekk ma jkollhiex is-soġġorn tagħha hemm?

(2) il-persuna qiegħda, wara li tkun irritornat lejn l-Istat ta' residenza, tkunx irreġistrat bħala persuna li qed tfittex impjieg mas-servizz tal-impjiegi u tapplika wkoll għall-benefiċċji tal-qgħad f'dak l-Istat?